# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' Gunju, 2001.**

**Numru 38**

**Citaz. Nru. 983/01GV**

**Public Broadcasting Services Ltd.**

**vs**

**Dambal Caterers Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elf, tlett mija u sbatax il-lira Maltin (Lm1,317) rapprezentanti servizzi ta' reklamar ezegwiti mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta u kopja ta' li *statement* qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok. 1;

Premess illi ghalkemm debitament interpellata sabiex is-socjeta' konvenuta thallas dan l-ammont hija baqghet inadempjenti;

Premess illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur ta' l-artikoli 167 - 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili , u l-istanti qed tannetti ma dan l-att affidavit immarkat Dok. A a tenur ta' l-istess artikoli tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba ta' l-istanti bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta' l-artikoli 167 - 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, tlett mija u sbatax il-lira Maltin (Lm1,317) rappresentanti servizzi ta' reklamar ezegwiti mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura, u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet l-avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-pprovi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**